**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**Vs**
**Zakkaria Mowlid**

**Illum 16 ta’ Novembru 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Zakkaria Mowlid, ta’ għoxrin (20) sena u ta’ nazzjonalità Somala, iben Mowlid u Yurub, imwieled Bosaso, Somalia, fit-22 ta’ Gunju 2000, prezentement bla indirizz fiss u detentur tan-Numru tal-Pulizija 19XX-048, talli fil-15 ta’ Novembru 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ’qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellu f’idu Passaport mahrug minn awtorità kompetenti, jew li ttrasferixxa dan il-Passaport lil persuna ohra jew ircieva Passaport li gie ttrasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta ’l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta ’Malta;
2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dak digà imsemmi u dan bi ksur ta ’l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta ’Malta;
3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta ’fatti foloz lill-Ufficjali Principali ta ’l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta ’l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta ’ Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta ’htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta ’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta ’Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. “A”; (ii) Dikjarazzjoni ta’ rifjut tal-jedd tal-parir legali - Dok. “B”; (iii) Dokumenti li l-imputat ittanta jivjagga bihom li ma jghajjtux lilu - Dok. “C” u Dok. “D”; (iv) Biljett ta’ l-ajru - Dok. “E”; (v) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. “F”; (vi) Il-fedina penali ta’ l-imputat - Dok. “G”; (vii) *Personal details form* ta’ l-imputat - Dok. “H”;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga ' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fil-15 ta' Novembru 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer: (i) Kellu f'idu Passaport mahrug minn awtorità kompetenti, jew li ttrasferixxa dan il-Passaport lil persuna ohra jew ircieva Passaport li gie ttrasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (ii) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dak diġà imsemmi u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta ' Malta; (iii) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta 'fatti foloz lill-Ufficjali Principali ta 'l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ghandu fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta 'Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**